**25 ta' Jannar, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Rosario Magri *et*

*versus*

Dottor Alfred Mifsud

**Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' – Appell – Rikuża ta' Ġudikant fil-Bord**

*Bl-Att XVI ta' l-1967 il-liġi, filwaqt li ddisponiet li l-Bord għandu s-setgħat kollha li huma mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ma estendietx għall-proċeduri quddiem il-Bord – li huma proċeduri speċjali – id-disposizzjonijiet relattivi għall-appelli fl-istess Kodiċi iżda stabbiliet meta jista' jsir appell u f'liema terminu jista' jsir.*

*Dwar rikuża ta' ġudikant fil-Bord l-istess Att jagħmel applikabbli biss, għall-proċedura quddiem il-Bord, l-artikolu 734 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jirrigwarda biss ir-raġunijiet ta' rikuża jew astensjoni ta' ġudikant fil-Bord.*

*Kull kwistjoni li tinqala' dwar jew in konnessjoni ma' xi raġuni ta' rikuża jew astensjoni għandha tiġi deċiża mill-President tal-Bord.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ipprreżentat quddiem il-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba' li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu li jiġu awtorizzati jirriprendu l-pussess ta' ġardinetta f'Ħ'Attard bl-aċċess minn bieb numru 14, Żebbuġ Road, mikrija lill-intimat u dana stante lli għandhom bżonn l-istess ġardinetta għal skopijiet ta' bini fuqha;

Rat ir-risposta ta' l-intimat li permezz tagħha ssottometta li t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet u provi li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Rat il-verbal tat-18 ta' Frar, 1983, fejn l-intimat talab li l-membri tekniċi ta' dan il-Bord jiġu rikużati billi diġà ħadu konjizzjoni tal-kwistjoni u dana bħala membri ta' l-istess Bord f'kawża preċedenti dwar l-istess post fil-kawża fl-ismijiet: Cassar Torregiani *vs* Mifsud deċiża minn dak il-Bord fis-7 ta' Marzu, 1980;

Rat l-atti tal-kawża fl-ismijiet "Anthony Cassar Torregiani *et vs* Avukat Dottor Alfred Mifsud deċiża fis-7 ta' Marzu, 1980 minn dak il-Bord liema atti jinsabu ma' dak ir-rikors in virtù ta' digriet tas-27 ta' Jannar, 1984;

Rat id-deċiżjoni mogħtija mill-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' fit-2 ta' Awissu, 1985 li biha ddeċida dwar it-talba għar-rikuża tal-membri tekniċi ta' dak il-Bord billi ċaħad l-istess talba u ddifferixxa l-kawża għall-kontinwazzjoni tad-29 ta' Novembru, 1985;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-intimat Avukat Dottor Alfred Mifsud ippreżentat fl-14 ta' Awissu, 1985, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka d-deċiżjoni appellata tat-2 ta' Awissu, 1985 billi tilqa' t-talba ta' l-intimat appellant u tirrikuża l-membri tekniċi tal-Bord u għalhekk tordna li l-kawża odjerna tiġi riappuntata quddiem Bord diversament kostitwit;

Rat ir-risposta ta' Rosario Magri u John Mallia ppreżentata fis-26 ta' Awissu, 1985 li biha eċċepew in linja preliminari li l-appell interpost mill-intimat huwa null għax ma sarx fit-terminu preskritt mil-liġi ta' Proċedura billi l-provvediment mogħti mill-Bord dwar ir-rikuża hu ta' indoli ta' digriet interlokutorju u mhux sentenza; u illi fil-mertu l-appell għandu jiġi rriġettat bil-ispejjeż kontra l-intimat appellant;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Marzu, 1987 li minnu jirriżulta li r-rikorrenti appellati eċċepew illi d-deċiżjoni appellata inkwantu ċaħdet l-eċċezzjoni ta' rikuża hi inappellabbli skond kif maħsub fl-artikolu 739(1) tal-Kodiċi Ċivili, Ediz. Riv. 1942, illum l-artikolu 738(1) tal-Kap. 12 (Ediz. Riveduta 1984);

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

L-intimat qiegħed jappella minn sentenza tal-Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba' li ċaħdet it-talba tiegħu għar-rikuża tal-membri tekniċi ta' l-istess Bord. Ir-rikorrenti qegħdin jissottomettu *inter alia* (1) illi l-imsemmija deċiżjoni tal-Bord hija inappellabbli għaliex jippretendu li d-deċiżjoni appellata tammonta għal digriet u kwindi l-appell, li ma sarx fit-terminu mogħti għal appelli minn digriet, huwa *fuori termine* u (2) li ma jistax isir appell billi l-artikolu 738(1) tal-Kap. 12 jiddisponi li meta l-Qorti tikkonsisti f'Imħallef wieħed u dana jiġi rikużat, allura ma hemmx appell mid-deċiżjoni tiegħu;

Kwantu għall-ewwel pretensjoni tar-rikorrenti appellati, jidher minn eżami ta' l-Att XVI ta' l-1967 li l-liġi, fil-waqt li ddisponiet fl-artikolu (6)(1) li l-Bord għandu s-setgħat kollha li huma mogħtija lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ma estendietx għall-proċeduri quddiem il-Bord, li huma proċeduri speċjali, id-disposizzjonijiet relattivi għall-appelli fl-istess Kodiċi iżda stabbiliet meta jista' jsir appell u f'liema terminu jista' jsir u awtorizzat lill-Bord, imwaqqaf skond l-artikolu 30 (illum l-artikolu 29) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jagħmel regolamenti dwar appelli lil din il-Qorti mill-isemmi Bord. L-imsemmija pretensjoni tar-rikorrenti appellata, ibbażata fuq disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili mhux applikabbli għall-proċeduri speċjali quddiem il-Bord, hija għalhekk infondata;

Kwantu mbagħad għat-tieni pretensjoni tar-rikorrenti appellati jingħad l-istess ħaġa. L-AttXVI ta' l-1967 ma jagħmilx applikabbli għall-proċeduri quddiem il-Bord l-artikolu 738(1)

*invokat mir-rikorrenti* appellati iżda biss l-artikolu 735 (illum artikolu 734) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili *li jirrigwarda biss ir-raġunijiet ta' rikuża jew astensjoni ta'* ġudikant fil-Bord (*artikolu* 5(6) ) u anzi jistabbilixxi l-proċedura speċjali li f'Bord kompost *minn tliet ġudikanti* – il-President u żewġ membri – *id-deċiżjoni* dwar eċċezzjoni ta' rikuża jew astensjoni għandha tingħata mill-President tal-Bord, l-artikolu 6(1) fuq imsemmi, *li għalih* għamlu riferenza r-rikorrenti appellati, jagħti lill-Bord is-setgħat li l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jagħti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili iżda dan ma jfissirx li għalhekk l-artikolu 738(1) huwa wkoll applikabbli għall-Bord;

L-imsemmija żewġ sottomissjonijiet *għalhekk tar*-rikorrenti appellati huma infondati;

Hemm però kwistjoni oħra li hija assorbenti u li l-Qorti hija fid-dover li tissolleva *ex officio*. Skond l-artikolu (6)(1) ta' l-Att XVI ta' l-1967, wara li jingħad li l-President jew kull membru ieħor tal-Bord jista' jastjeni ruħu jew jista' jiġi *rikużat minn* kull waħda mill-partijiet kontendenti għal kull waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 735 (illum l-artikolu 734) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jingħad ukoll illi "kull kwistjoni li tinqala' dwar jew in konnessjoni ma' xi raġuni ta' rikuża jew astensjoni għandha tiġi deċiża mill-President tal-Bord";

Issa jekk wieħed jeżamina d-deċiżjoni appellata wieħed għandu jinduna ma' l-ewwel li d-deċiżjoni appellata ma hix tal-President tal-Bord imma ta' l-istess Bord. Infatti taħt il-kliem fl-intestatura "Fil-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' " hemm imnizzel l-isem tal-Maġistrat li huwa l-President tal-Bord

u tal-membri teknići. Is-sentenza mbagħad tibda bil-kliem: "Il-Bord", u tispiċċa bil-kliem "għal dawn il-motivi jiddeċidi dwar it-talba għar-rikuża tal-membri teknići ta' dan il-Bord billi jiċħad l-istess talba.....";

Huwa evidenti għalhekk li d-deċiżjoni appellata ma ngħatatx mill-persuna li skond il-liġi kellha tagħtiha imma mill-Bord li ma kellux is-setgħa jagħti dik id-deċiżjoni. Dan kollu jwassal għan-nullità tad-deċiżjoni appellata;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi (1) tiċħad iż-żewġ eċċezzjonijiet fuq imsemmija bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti appellati u (2) tiddikjara li d-deċiżjoni appellata mogħtija mill-Bord fit-2 ta' Awissu, 1985, hija rrita u tibgħat lura l-atti tal-proċess lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi. L-ispejjeż ta' dan l-appell (ħlief dawk diġà deċiżi hawn fuq) għandhom fiċ-ċirkostanzi jitħallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.